MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2010

Numru. 187/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**Lee Julian Dimech**

Kumpilazzjoni Nru: 187/2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Lee Julian Dimech, ta' 26 sena, bin John u Georgina nee' Formosa, imwieled Pieta, fit-3 ta' Frar, 1984 u residenti gewwa 'LeeJaf', Triq il-Waqqafa, Mosta u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 106784(M).

1. Akkuzat talli fis-26 ta' Frar, 201, ghal habta tad-disgha u nofs ta' fil-ghodu (09:30hrs), minn gewwa 24,

Triq il-Madonna tas-Sacre Cuor, Sliema, ikkometta serq ghad dannu ta' Rita Saliba, anzjana ta' 77 sena, liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-lok;
2. Akkuzat ukoll talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ikkometta reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba il-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

Rat l-artikoli 141, 261(d)(e), 268 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kelluz oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati in kwistjoni u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputat, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali tieghu li hija netta u l-fatt li huwa rrifonda l-ammont misruq.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 141, 261(d)(e), 268 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputat ir-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------